# M I N U T I

## LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

### IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

### LAQGĦA NUMRU 62

22 ta' Frar 2023

It-tnejn u sittin (62) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 22 ta' Frar 2023 fid-9.15am. Il-laqgħa nżammet b'mod virtwali.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 62.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

62.1.1. Is-Sindku VB fetaħ il-materja billi qara ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsilliera SSH li nformat li ma setgħetx tattendi għal-laqgħa minħabba appuntament mediku. Il-Kunsill laqa' l-ittra t'apoloġija.

### 62.2 APPROVAZZJONI TAD-DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI 2022

62.2.1. Is-Sindku VB ressaq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji għas-sena 2022 quddiem il-Kunsill, liema dikjarazzjonijiet ġew iċċirkulati lill-membri tal-Kunsill qabel il-laqgħa.

62.2.2. Is-SE ta spjega qasira ta' f'hiex jikkonsistu d-dikjarazzjonijiet finanzjarji kif ukoll rendikont tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għas-sena 2022.

62.2.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JP u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JP, AD, VB, JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 62.3 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

62.3.1. Il-laqgħa intemmet fid-9.25am u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' Marzu 2023 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum It-Tnejn 13 ta' Marzu 2023**

(iffirmati)

Vincent Borg
Sindku

(iffirmati)

Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv